**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 372/2019 MS*

**Christine Ann Schembri**

**Vs.**

**Sandra Schembri**

**Damian Schembri**

Illum, 11 ta' Lulju 2025

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-15 t'April 2019, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

> **ILLI** l-esponenti ser tagħlaq disgħa u sebgħin (79) sena u presenzjalment qed tieħu kura għall-marda tal-kancer.

**ILLI** l-esponenti fis-snin preċedenti għaddiet ammonti ta' flus lil binha Damian Schembri li jeżerċita il-professjoni ta' accountant sabiex jamministrаħhomlha u jinvestihomlha fi stocks u bonds;

**ILLI** b'dawn il-flejjes miżmuma minn Damian Schembri ġew akkwsitati, f' ismu iżda dejjem bl-intiża u skond il-ftehim bejnu u bejn ommu r-rikorrenti li l-investimenti u r-rikavat kien tagħha esklussivament, diversi investimenti bonds u shares.

**ILLI** l-valur ta' dawn il-flejjes u investiment, f' isem Damian Schembri iżda appartenenti esklussivament lir-rikorrenti, illum huwa **mija u ħdax il-elf disgħa mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 111,996.59)** u dana skond il-prospett hawn anness Dok P;

**ILLI** l-esponenti għandha bżonn dawn il-flejjes b'mod immedjat għall-bżonnijiet tagħha.;

**ILLI** għalkemm binha l-intimat Damian Schembri irid jagħti dawn il-flejjes lura lill-esponenti, martu l-intimata Sandra Schembri qed tirrifjuta tagħmel dan u anzi qed iżżomm l-istess bħala flejjes tagħha bil-pretensjoni li dawn jappartjenu il-komunjoni ta' l-akkwisti tagħha u ta' żewġha Damian Schembri. Fil-fatt fil-proċeduri pendenti fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bejn l-intimata u iben l-esponenti li jġibu r-referenza 256/17 AL intavolat mandat ta' sekwestru li jġib ir-referenza 13/17 sabiex tikkawtela ammont ta' tmien mitt elf Euro (€ 800,000) li konsegwenza ta' dan il-flejjes appartenenti lir-rikorrenti ġew sekwestrati;

**ILLI** għad li l-intimata Sandra Schembri ġiet nterpellata baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

hija għaddiet biex titlob lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. **TIDDIKJARA** li l-ammont ta' mija u ħdax il-elf disgħa mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 111,996.59) jew somma oħra verjuri kolpit mandat ta' sekwestru li jġib ir-referenza 13/17 jappartjenti esklussivament lir-rikorrenti.

2. **KONSEGWENTMENT TORDNA** li mandat ta' sekwestru li jġib ir-referenza 13/17 jiġi revokat in parte għall-ammont **mija u ħdax il-elf disgħa mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 111,996.59)** jew somma oħra verjuri kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;

3. **TORDNA** lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fit-talba preċedenti u/jew **TAWTORIŻŻA** lir-rikorrenti tirriprendi pussess tal-fondi u investiment fuq imsemmija.

Bl-ispejjes tal-presenti, kontra l-intimata **Sandra Schembri** minn issa inġunta in subbizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fis-17 ta' Ġunju 2019[1], li biha hija wieġbet hekk:

1. Preliminarjament, din il-Qorti ma għandhiex kompetenza ratione materiae biex tisma din il-kawża billi l-mandat li tieghu qiegħda tintalab ir-revoka ma nħarigx minn din il-Qorti iżda mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

2. Bla preġudizzju, it-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu michuda billi l-flus milquta bil-mandat jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-esponenti u żewġha l-konvenut l-iehor Damian Schembri;

3. Bla preġudizzju wkoll, f'kull każ it-tieni talba ma tistax tintlaqa' għax is-somma kawtelata bil-mandat tirrappreżenta l-valur tal-pretensjoni tal-esponenti kontra l-konvenut l-ieħor kif' miġjuba fil-kawża fl-ismijiet Sandra Schembri vs Damian Schembri (rikors mahluf nru 256/2017) pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezjoni tal-Familja); l-attrici ma għandha ebda interess guridiku fil-kwistjoni tal-pretensjoni tal- esponenti kontra żewġha l-konvenut l-ieħor u dwar il-quantum ta' dik il-pretensjoni, u l-esponenti għalhekk għandha tinheles mill-harsien tal-ġudizzju;

4. Bla preġudizzju wkoll, din il-kawża hija tentativ ieħor tal-konvenut żewgha, din id-darba b'kollużjoni mal-attriċi ommu, biex jaħbi flus tal- komunjoni u jċaħħad lill-esponenti minn sehemha fil-komunjoni tal- akkwisti;

Bl-ispejjeż.

Il-konvenuta tiddikjara bil-gurament illi taf dawn il-fatti personalment:

1. Pendenti bejnha u bejn il-konvenut l-ieħor, żewġha Damian Schembri, hemm kawża fl-ismijiet Sandra Schembri vs Damian Schembri (rikors mahluf nru 256/2017) li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Civili (Sezjoni tal-Familja).

---

[1] Fol.10.

2. F'dik il-kawża l-esponenti qiegħda titlob inter alia x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

3. L-esponenti kellha tippreżenta l-mandat ta' sekwestru de quo kontra l- konvenut żewġha fl-atti tal-medjazzjoni meta hija indunat li żewġha kien battal żewġ Savings Accounts u Current Account tal-komunjoni u halliha mingħajr flus għall-ħajja. Sussegwentement saret taf ukoll illi kien illikwida u gibed investimenti oħrajn. Li ma kienx għall-mandat, kien isehhlu jahbi aktar flus tal-komunjoni.

4. Il-konvenut żewġha qatt ma qal lill-esponenti li kien qieghed iżomm fismu flus ta' ommu l-attriċi kif allegat fir-rikors tal-attrici; kienet taf biss illi l-konvenut żewġha lil ommu kien jammistralha kont li kien fisimha mhux fismu. Kien biss meta l-konvenut telaq mid-dar u mbdiet is-separazzjoni li, waqt is-seduti tal-medjazzjoni, żewġha 1-konvenut hareg bil-pretensoni li ammont sostanzjali ta' flus f'accounts u investimenti li kienu fuq ismu biss, għalkemm saru matul iż-żwieġ, kienu ta' ommu l-attriċi.

5. Kien hemm żmien meta l-konvenut żewġha kien fetah kontijiet f'isem ommu u f'isem ħuh ma' diversi banek u għalhekk li kieku kien veru li 1-flus imsemmija fir-rikors kienu ta' ommu l-attrici ma kellu ebda raguni għalfejn jitfagħhom ġo kontijiet fuq ismu waħdu iżda seta' jiftaħ kontijiet f'isem ommu kif gieli għamel qabel.

6. Il-konvenut żewġha dejjem żamm lill-esponenti fid-dlam dwar flus u investimenti ohra li kien jagħmel bi flus tal-komunjoni matul iż-żwieġ. Din il-kawża ma hijex l-uniku tentativ tal-konvenut żewġha li jċaħħad lill-esponenti minn sehemha fil-komunjoni (incidentalment l-avukat tal-attriċi llum huwa wkoll l-avukat tal-konvenut fil-kawża ta' separazzjoni): waqt is-seduti ta' medjazzjoni l-konvenut żewġha ippreżenta lista ta' assi u fuq dik il-lista immarka bħala "disputed saħansitra kontijiet u investimenti li huma fuq isem iż-żewġ konvenuti konjugi flimkien! L-esponenti b'xokk kbir kienet irrealizzat, meta żewġha l-konvenut qabad u telaq mid-dar habta u sabta u mingħajr ebda spjegazzjoni, li żewġha kien ilu jidħaq biha u jahbilha matul iż-żwieġ kollu. Għalhekk illum tgħallmet li lil żewġha ma tistax tifdah aktar kif kienet tagħmel qabel.

3. Rat illi b'nota tal-25 ta' Ġunju 2019[2], il-konvenut ammetta t-talbiet kollha tal-attriċi;

[2] Fol.18.

4. Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-28 ta' Novembru 2019[3], li biha ġiet miċħuda t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali;

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha l-attriċi qed titlob li l-Qorti ssib li s-somma ta' €111,996.59 milquta bil-mandat ta' sekwestru bin-numru 13/2017 hija tagħha biss, u qed titlob għalhekk li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha dik is-somma. Il-konvenut, li huwa iben l-attriċi, ammetta t-talbiet mill-bidu tal-kawża. Il-konvenuta, li hija mart il-konvenut, ikkontestat it-talbiet tal-attriċi. Bejn il-konvenuti hemm għaddejjin proċeduri għall-firda personali.

9. Il-Qorti jidhrilha li jkun utili li qabel xejn tiġi sewwa identifikata n-natura tal-azzjoni. L-oġġett tal-pretensjoni tal-attriċi hija somma flus li hija tgħid li għaddiet lill-konvenut taħt *trust* sabiex iżommhom u jħaddimhom fl-interess tagħha. Dawn il-flus, għalhekk, għandhom jitqiesu li huma oġġett funġibbli. Kif jispjegaw ***Baudry Lacantinerie*** u ***Wahl***:

> Le cose *fungibili* sono quelle che, secondo l'intenzione delle parti, possono essere esattamente ed identicamente sostituite da altre simili, *quarum una alterius vice fungitur* (donde la parola *fungibili*): nel pensiero delle parti, l'una di queste cose val l'altra. – Le cose *non fungibili*, al contrario, sono quelle che, secondo l'intenzione delle parti, sono considerate per sè stesse e non potrebbero essere sostituite da altre della stessa natura.[4]

---

[3] Fol.253.
[4] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Dei Beni, §18.

10. Huwa risaput li ħadd ma jista' jitlob ir-rivendikazzjoni ta' oġġett funġibbli. «*Rivendicabile è soltanto la cosa che esiste in natura presso il possessore. E quindi, sono rivendicabili, … il danaro finchè si trova nelle mani del primo che lo ha ricevuto e costui non lo ha ancora mischiato col proprio*»[5]. F'dan is-sens għalhekk:

> Nei casi in cui la legge concede al proprietario della materia, incorporata ed unita con la cosa altrui, la scelta di farsi restituire altrettanta materia della stessa qualità o il valore della medesima, non si ha la restituzione in natura della propria cosa reclamata, ma un'azione personale. Egli non ripiglia la cosa sua, ma acquista in pagamento la cosa altrui.[6]

11. Min għalhekk ikun irid jieħu lura oġġett funġibbli li jkun jinsab għand ħaddieħor, ma jeżerċitax l-azzjoni petitorja ta' rivendikazzjoni, iżda dik personali għar-restituzzjoni tal-valur ta' dak l-oġġett, jew ta' oġġett ieħor funġibbli ekwivalenti. Azzjoni bħal dik hija azzjoni ta' kanonizzazzjoni, u din il-Qorti hekk sejra tqis l-azzjoni tal-attriċi. Dan għaliex l-attriċi trid li tieħu lura l-flus li hija tgħid li għandha għand il-konvenut, u li l-konvenut effettivament ħallat mal-flus tiegħu u tal-konvenuta. L-attriċi għalhekk ma tridx li tingħata lura l-istess flus li hija tat lill-konvenut, iżda flus oħrajn sa l-istess valur.

12. Diversament, l-azzjoni ta' rivendikazzjoni ta' ħaġa mobbli hija mogħtija biss meta dik il-ħaġa mobbli tkun determinata u individwata, u dan biss fejn l-oġġett ikun mitluf jew misruq u l-possessur tagħha ma jkunx *in bona fidei*[7] (ara per eżempju ***Neg. Joseph La Rosa vs. Emanuele Farrugia***, Appell Kummerċjali, 3 ta' Ġunju 1946)[8].

13. Kif ingħad, il-konvenut ammetta t-talbiet tal-attriċi. Iżda sabiex l-attriċi jirnexxielha fit-talbiet tagħha kontra l-konvenuta wkoll, hija għandha turi (i) li l-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti twieġeb għal dejn bħal dak pretiż minnha; u (ii) li dak id-dejn tassew seħħ. Jekk l-attriċi jirnexxielha turi dawn iż-żewġ

---

[5] ***Il Digesto Italiano***, vuċi «Proprietà», §107.
[6] ***Butera***, La Rivendicazione nel Diritto Civile, Commerciale e Processuale (1911), §165.
[7] Artikoli 558 u 559 tal-Kodiċi Ċivili.
[8] Kollezz. Vol.XXXI.i.628.

ċirkostanzi, ikun imiss lill-konvenuta li mbagħad turi għaliex dak id-dejn – li għalih allura għandha twieġeb – m'għandux jitħallas.

14. Nibdew bl-ewwel ċirkostanza fuq imsemmija, u ċjoè jekk id-dejn li tiegħu qed tippretendi l-ħlas l-attriċi huwiex dejn li għalih twieġeb il-komunjoni. L-attriċi għandha tipprova din iċ-ċirkostanza għaliex huwa fatt paċifiku li l-flus tagħha hija għaddiethom lill-konvenut waħdu, u mhux lill-konvenuta wkoll. Il-provi fil-fatt ma jurux li l-konvenuta kienet taf b'dak li l-attriċi u l-konvenut jgħidu li kien qed iseħħ bejniethom qabel ma nfirdet minn ma' żewġha.

15. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta injorat għal kollox dan l-aspett tal-kawża u donnha qieset li bil-fatt waħdu li hija għaddiet il-flus lill-konvenut, il-konvenuta wkoll hija responsabbli daqsu. Dan però mhux korrett. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Carmel sive Charles Sciberras pro et noe vs. Youssef Rhouni et*** (Appell Inferjuri, 9 ta' Novembru 2005):

> Taħt ir-reġim matrimonjali tagħna l-unika deroga fejn ma jistax jingħad li teżisti din is-solidarjetà huwa l-każ kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u ċjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi ħadd fost il-konjuġi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjuġi ma tqiegħedx lill-konjuġi l-ieħor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-prinċipju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjuġi jinsabu f' reġim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjuġi obbligat li sussidjarjament tagħmel tajjeb, u dan biss f' każ li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tiegħu jew tagħha tibqa' insodisfatta

16. Għalhekk il-konvenuta jkollha obbligu li tħallas lura dak id-dejn kemm-il darba jintwera li dak id-dejn jikkostitwixxi passiv fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

17. Mhux kontestat li bejn il-konvenuti kien hemm fiż-żmien rilevanti l-komunjoni tal-akkwisti. Skont l-artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili:

> 1320.Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –
>
> (a) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom;

(b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti;

(ċ) bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi li ma taqbilx, il-frottijiet ta' dawk il-beni tat-tfal li huma suġġetti għall-użufrutt legali ta' kwalunkwe wieħed mill-konjuġi;

(d) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f'isem parti waħda mill-miżżewġin;

(e) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni;

(f) rebħ bix-xorti li jmiss lil parti waħda jew liż-żewġ miżżewġin, u dak is-sehem ta' teżor misjub minn parti minnhom, u li skont il-liġi jmiss lil min isib it-teżor, sew jekk dik il-parti tkun sabet it-teżor fil-fond tagħha, jew fil-fond tal-parti l-oħra, jew fil-fond ta' terzi:

Iżda dak is-sehem ta' teżor li jmiss lis-sid tal-fond jibqa' kollu għal dik il-persuna li fil-fond tagħha t-teżor ikun instab.

18. Imbagħad l-artikolu 1327 tal-istess Kodiċi jgħid hekk:

1327. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:

(a) il-piżijiet u l-obbliġi marbutin mal-beni skont l-att li bihom ikunu akkwistati;

(b) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni tal-akkwisti, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra;

(ċ) l-ispejjeż u l-obbliġi, ukoll jekk isiru separatament, għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;

> (d) kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin;
>
> (e) djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji tal-beni ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, li l-utili tagħha huma magħdudin fl-akkwisti;
>
> (f) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

19. Ta' importanza għall-meritu ta' din il-kawża huma wkoll l-artikoli 1328 u 1329 tal-Kodiċi Ċivili:

> 1328. Kredituri ta' parti partikolari fiż-żwieġ jiġu wara l-kredituri tal-komunjoni tal-akkwisti, kemm-il darba ma jkollhomx raġuni leġittima għal preferenza.
>
> 1329. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.
> (2) Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewġa lid-debitur li jitlob separazzjoni ġudizzjarja tal-beni, il-parti miżżewġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni tal-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-esekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti miżżewġa lid-debitur.

20. Minn dawn id-dispożizzjonijiet il-Qorti tista' tislet il-prinċipji li ġejjin.

21. Fl-ewwel lok, mhux kull kreditur ta' persuna miżżewġa għandu l-jedd li jdur fuq l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti jew fuq il-konjuġi tad-debitur biex jitħallas. Il-liġi b'mod ċar tikkontempla l-possibilità li persuna miżżewġa tkun weħidha debitriċi, mingħajr l-inġerenza tal-parti l-oħra fiż-żwieġ. Din iċ-ċirkostanza, jekk tirriżulta, twassal għall-konsegwenza li l-kreditur ta' parti waħda fiż-żwieġ – sakemm ma jkollux xi jedd ta' preferenza partikolari – jiġi wara l-kredituri tal-komunjoni. Mhux hekk biss, imma dak il-kreditur jista' biss jenforza t-titolu tiegħu kontra l-komunjoni b'mod sussidjarju, u kemm-il darba l-attiv parafernali tal-konjugu

debitur ma jservix għall-estinzjoni tal-kreditu tiegħu, u dan biss sal-limitu tal-valur tal-konjugu debitur f'dik il-komunjoni.

22. Fit-tieni lok, u la darba mhux kull dejn magħmul minn persuna miżżewġa jwassal għall-inġerenza tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-parti l-oħra fiż-żwieġ, huma biss dawk id-djun li jinkwadraw ruħhom f'xi waħda mill-ipoteżijiet maħsuba taħt l-artikolu 1327 li jistgħu jikkwalifikaw bħala djun tal-komunjoni. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Simon Parnis vs. Benedetta Meilak et*** (Prim'Awla, 12 ta' Frar 2009):

> Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u s-sieħeb jew sieħba tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara li huma dawk id-djun "biss" li jgħabbu 'l-komunjoni

23. Huwa għalhekk essenzjali li naraw jekk id-dejn li qed tippretendi l-attriċi huwiex wieħed minn dawk imniżżlin fl-artikolu 1327.

24. Fix-xiehda tagħha bl-affidavit[9], l-attriċi tispjega l-konsistenza tal-kreditu pretiż minnha kif ġej:

i. F'Diċembru 1991, hija biegħet proprjetà immobbli li kellha fil-Kalkara u mill-prezz li tħallset, kien baqgħalha l-ammont ta' Lm18,800. Dawn il-flus hija iddepożitathom f'kont bankarju f'isem il-konvenut binha, mas-soċjetà APS Bank.
ii. Dawn il-flus intużaw mill-konvenut biex tinxtara u tiġi mgħammra proprjetà oħra fl-Isla. Din il-proprjetà inxtrat f'isem il-konvenut[10].
iii. Il-proprjetà tal-Isla inbiegħet f'Novembru 1999 u r-rikavat ta' Lm31,279.63 kien depożitat f'kont tal-konvenut mal-istess Bank imsemmi.
iv. F'Diċembru 2000, dawn il-flus kienu trasferiti mill-konvenut lill-attriċi f'kontijiet f'isimha ndikati minnha stess.

[9] Fol.20.
[10] Ara wkoll ix-xiehda ta' Henry Schembri, a fol.268.

v. F'April 2001, l-attriċi tgħid li trasferiet Lm5,700 lill-konvenut sabiex huwa jkun jista' jħallas dejn li huwa kellu fuq id-dar mas-soċjetà Bank of Valletta plc. Fl-istess xahar l-attriċi tgħid li tat rigal ta' Lm1,000 lil binha.

vi. F'Lulju 2001, l-attriċi tgħid li silfet is-somma ta' Lm800 lill-konvenut.

vii. F'Ġunju 2002, l-attriċi ħafret il-bilanċ tas-self li l-konvenut kellu magħha (li kien jammonta għal Lm3,160.60).

viii. Sa dan il-punt, jidher li l-konvenut ma kellux djun mal-attriċi u lanqas attiv tagħha f'idejh.

ix. F'Ġunju 2003, l-attriċi trasferiet is-somma ta' Lm7,312 f'isem il-konvenut, u dan temporanjament sakemm jinfetaħ kont fuq binha ieħor, Craig Schembri. Sa Settembru 2003, il-konvenut ittrasferixxa l-flus tal-attriċi li kien fadallu f'kont f'isem ħuh Craig.

x. Għas-snin li segwew, l-attriċi kienet qed iżżomm l-attiv tagħha f'kontijiet f'isem binha Craig. Iżda f'Jannar 2008, minħabba diffikultajiet li kien qed ikollu binha Craig, ġew trasferiti xi fondi u investimenti f'isem il-konvenut.

xi. L-attriċi tgħid li f'Mejju 2009, silfet is-somma ta' €2,000 lill-konvenut.

xii. F'Mejju 2011, is-somma ta' £35,000 ġew trasferiti minn kont f'isem iben ieħor tal-attriċi f'kont tal-konvenut «*so that he could invest these on my behalf*». Dan it-trasferiment ġie segwit f'Settembru 2011 bi trasferiment ieħor fl-ammont ta' £15,267 u trasferiment ieħor ta' £5,000.

xiii. F'Ottubru 2011, l-attriċi tgħid li sar ftehim ta' *trust* bejnha u bejn il-konvenut «*specifically so that all would be documented and my other children would have no problem to know what moneys Damian held on my behalf*»[11]. Irriżulta li dan il-ftehim sar żmien qabel ma nfirdu l-konvenuti[12].

---

[11] Fol.23.
[12] Ara x-xiehda ta' Dr Nicholas Valenzia, a fol.284.

xiv. Minn dak il-punt 'il quddiem l-attriċi tispjega u ssemmi diversi tranżazzjonijiet u investimenti li hija tgħid li saru bi flus tagħha, u dan bit-tħaddim tat-*trust* maħluq bejnha u bejn il-konvenut.

25. Huwa evidenti għalhekk, kemm mill-premessi esposti fir-rikors ġuramentat, u kemm mix-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, li l-flus li hija qed titlob mingħand il-konvenuti huma ammonti li hija tgħid li għaddiet lill-konvenut sabiex dan iżomm dak l-attiv fuq ismu u jinvesti u jħaddem dak il-kapital fl-interess tal-attriċi. Fix-xiehda tagħha l-attriċi spjegat li hija kienet tippreferi li l-attiv tagħha jinżamm f'isem uliedha minħabba li kienet tikkoabita ma' persuna li skont il-liġi Ingliża seta' jitqies bħala *common law husband* tagħha, bl-inġerenza ta' ċertu jeddijiet. Min-naħa l-oħra, missier il-konvenut xehed li l-attriċi qaltlu li ma riditx attiv f'isimha f'Malta sabiex ma titlifx il-pensjoni tagħha mill-Ingilterra[13]. Saret ukoll xiehda f'dak is-sens minn ħut il-konvenut, waqt il-kontro-eżami tagħhom.

26. Bejn l-attriċi u l-konvenut, kif ingħad, ġie iffirmat ftehim[14] li permezz tiegħu il-konvenut aċċetta li jżomm il-fondi tal-attriċi bħala *trustee*. Ġie wkoll miftiehem li l-liġi proprja ta' din it-*trust* se tkun il-liġi Maltija. Issa skont l-artikolu 7 tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees*[15] (minn issa msejjaħ biss bħala «l-Att»), *trust* tista' tinħoloq anki mingħajr ebda formalità, u huwa ċert li skrittura privata bħal dik li saret bejn l-attriċi u l-konvenut hija biżżejjed għall-ħolqien tagħha. Jidher ukoll bix-xiehda ta' Dr Nicholas Valenzia li dik l-iskrittura tassew kienet iffirmata fid-data fuqha indikata.

27. Skont it-termini tat-*trust* maħluqa mill-attriċi u l-konvenut, l-attriċi hija mhux biss *settlor* iżda wkoll benefiċċjarja. Din it-*trust* inħolqot għaż-żmien ta' mitt sena, dekorribbli mit-12 t'Ottubru 2011, jew inkella sa dak il-jum li l-konvenut bħala *trustee* jista' jiffissa b'att pubbliku. Ma jirriżultax li l-konvenut eżerċita din il-fakultà biex jagħti tmiem lill-effetti ta' din it-*trust*.

---

[13] Ara x-xiehda ta' Henry Schembri, a fol.271.
[14] Fol.162.
[15] Kapitolu 331 tal-liġijiet ta' Malta.

28. Permezz tat-tieni artikolu tal-istrument ta' *trust*, ġie miftiehem li l-konvenut kellu jżomm *the Trust Fund* u d-dħul ġenerat minnha sat-tmiem tal-perijodu ta' *trust*. Skont l-artikolu wieħed u għoxrin, it-*trust* setgħet biss tiġi revokata mit-*trustee*, bil-kunsens bil-miktub tal-*Protector*.

29. Fil-fehma tal-Qorti, strettament ma jidhirx li l-liġi tippermetti li *settlor* jew benefiċċjarju taħt *trust* (bħal ma hija l-attriċi) jitlob il-ħlas jew il-kunsinna tal-proprjetà mogħtija fi *trust* qabel it-tmiem tagħha jew mingħajr ir-revoka tat-*trust*. B'danakollu, il-konvenut li huwa *trustee* ammetta t-talbiet tal-attriċi, u ma kkontestax il-jedd tagħha li titlob lura l-fondi in kwistjoni minkejja li it-*trust* għadha ma ntemmitx.

30. Il-Qorti għalhekk mhux se tqis jekk it-talbiet tal-attriċi jmisshomx jintlaqgħu kontra l-konvenut minħabba li huma prematuri, la darba l-konvenut mhux qed jopponi għal dawk it-talbiet. Il-kontestazzjoni f'din il-kawża hija aktar limitata, u f'dan l-istadju qiegħed biss jiġi eżaminat jekk il-flus li l-attriċi tgħid li hija għaddiet lill-konvenut jikkostitwux jew le dejn tal-komunjoni.

31. L-għoti ta' proprjetà fi *trust* jikkostitwixxi trasferiment ta' proprjetà. Insibu spjegat illi: «*Transfer by settlement in trust is an addition to the traditional modes of acquisition and transfer of ownership*»[16]. Rilevanti wkoll l-osservazzjonijiet li ġejjin:

> Some civil law jurists have equated the trust with the institute of mandate, and have claimed that a mandatory is the equivalent of a trustee. Both the trustee in his power of legal owner and the mandatory are subject to limitations in the management or administration of property; the trustee is limited by the very directions of the trust deed, while the mandatory cannot act beyond the limits of the mandate. However it must be borne in mind that a mandator does not in the mandate transfer title to property. The mandate only involves a transfer of the power to do something as directed by the mandator; the latter always retains ownership. On the other hand, in a trust relationship, the settlor transfers the ownership of the property he puts in trust to the trustee. Similarly, a **depositary** too is not the equivalent of a

[16] ***Patrick J. Galea***, The Trust Laws of Jersey and Malta (Jersey and Guernsey Law Review, 2018), pġa.35.

> trustee, since here again there is no effective transfer of ownership, and the depositary is a mere holder of the thing in his possession.[17]

32. Fid-deċiżjoni ***Bettina Vossberg pro et noe vs. Equinox International Limited et*** (Appell Superjuri, 9 ta' Novembru 2012) ġie rilevat li: «*Il-ftehim bejn is-settlor u t-trustee huwa ftehim oneruż b'obbligazzjonijiet imposti b'mod reċiproku, però, it-tqegħid tal-proprjetà fi trust, biex din tiġi amministrata a bażi tal-ftehim ta' trust bejn is-settlor u t-trustee, sar b'mod gratuwitu. It-tqegħid tal-proprjetà in trust iwassal għal trasferiment tat-titolu fuq l-istess proprjetà, u dan isir b'mod gratuwitu*».

33. Meta l-attriċi ittrasferiet il-fondi tagħha lill-konvenut taħt *trust*, il-konvenut sar is-sid legali iżda fiduċjarju ta' dawk il-fondi li però ingħataw lilu b'titolu gratwitu mill-attriċi, għall-għanijiet tal-istess *trust* u għaż-żmien hemmhekk miftiehem.

34. Dan ifisser li l-proprjetà mogħtija mill-attriċi lill-konvenut ma daħlitx fil-komunjoni tal-akkwisti, għaliex l-artikolu 1320 jeskludi mill-komunjoni dak il-ġid li jkun akkwistat minn wieħed mill-konjuġi b'titolu gratwitu jew inkella b'wirt. L-akkwist ta' dan il-ġid mill-konvenut nissel fih l-obbligu li jrodd lura l-istess ġid lill-attriċi bħala benefiċċjarja fit-tmiem tat-*trust*. Dan l-obbligu però ma jidhirx li jinkwadra taħt l-ebda waħda mill-ipoteżijiet previsti fl-artikolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili, partikolarment għaliex l-obbligu tar-radd lura huwa marbut ma' ġid li mhux parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif rajna.

35. Dan essenzjalment ifisser illi l-attriċi m'għandha l-ebda jedd li titlob il-ħlas ta' dak mogħti minnha fi *trust* lill-konvenut mingħand il-konvenuta, u għalhekk biss it-talbiet tal-attriċi kontra l-konvenuta m'għandhomx jintlaqgħu.

36. Il-Qorti iżda sejra tagħmel xi konsiderazzjonijiet ulterjuri.

37. L-artikolu 21 tal-Att jgħid ukoll hekk:

---

[17] ***Paula Vella Sciriha***, To Trust or not to Trust (Malta, 2004), pġi.91-92.

> 21.(1) It-trustees għandhom fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom u fl-eżerċizzju tas-setgħat u diskrezzjonijiet tagħhom jaġixxu bil-prudenza, bżulija u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias*, jaġixxu *in bona fede* bl-aktar mod xieraq u jevitaw kull kunflitt ta' interess.

38. Imbagħad skont l-artikolu 21(3)(ċ), *trustee* m'għandux, sakemm ma jkunx espressament awtorizzat mill-istrument ta' trust jew inkella bl-awtorità tal-Qorti, jagħmel tranżazzjonijiet akkont tiegħu innifsu. Imbagħad is-subartikolu ħamsa tal-artikolu 21 jgħid:

> It-trustees għandhom iżommu l-proprjetà tat-trust distinta u separata mill-proprjetà tagħhom infushom kif ukoll minn kull proprjetà oħra miżmuma minnhom taħt xi trust jew titolu ieħor, u separatament identifikabbli minnhom:
> Iżda t-trustees jistgħu, jekk espressament permessi jagħmlu dan bil-kondizzjonijiet tat-trust, jew f'xi każ fejn il-proprjetà tat-trust tkun tikkonsisti f'oġġetti funġibbli, iqiegħdu u jżommu l-proprjetà tat-trust f'pool komuni ta' assi identiċi jew f'kont tal-klijenti jew komuni.

39. Jirriżulta ċar li l-konvenut naqas għal kollox minn dawn id-dmirijiet li huma mposti fuqu *ex lege*. Għal dawn in-nuqqasijiet iżda għandu jwieġeb biss il-konvenut, u mhux il-konvenuta.

40. La darba l-attriċi m'għandha ebda dejn kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti, hija tista' biss teżegwixxi l-kreditu kanonizzat favur tagħha kontra l-konvenut fil-konfront tal-beni parafernali tiegħu. Huwa biss jekk dawk il-beni parafernali tal-konvenut ma jservux biex jissodisfaw dak il-kreditu li l-attriċi jkollha l-jedd, *in subsidium*, li ddur kontra l-beni tal-komunjoni, iżda dan biss sal-valur li jmiss lill-konvenut, kif jipprovdi l-artikolu 1329 tal-Kodiċi Ċivili (ara f'dan is-sens ***Mark Theuma vs. Emanuel Vella et***, Appell Superjuri, 6 ta' Frar 2015).

41. Għall-kompletezza imbagħad din il-Qorti tosserva illi mhux il-kompitu tagħha li tiddeċiedi jekk il-flejjes u ġid ieħor f'isem il-konvenut huwiex parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti jew le. Il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti għandha tiġi stabbilita fil-proċeduri ta' separazzjoni personali li hemm pendenti bejniethom. F'din il-kawża, il-Qorti kienet sempliċiment imsejħa biex tiddeċiedi jekk il-konvenuti, jew min minnhom, humiex obbligati li jħallsu lill-

attriċi s-somma ta' flus mitluba minnha. Fi kliem ieħor, id-deċiżjoni f'din il-kawża għandha tkun u hija limitata għad-determinazzjoni dwar min mill-konvenuti huwa responsabbli għall-ħlas lura ta' dak li qed tippretendi l-attriċi. La darba l-Qorti sabet illi l-konvenuta mhux responsabbli għal dak il-ħlas, u li l-kreditu tal-attriċi ma jistax jiġi enforzat kontra l-komunjoni tal-akkwisti jekk mhux sussidjarjament, mhux neċessarju li f'din il-kawża il-Qorti tgħaddi biex tara x'sar mill-flus li l-attriċi ssostni li għaddiet lill-konvenut.

42. Kull nuqqas ta' qbil bejn il-konvenuti dwar liema ġid li jinsab f'isimhom huwa parti mill-komunjoni tal-akkwisti u liema m'huwiex, għandu jiġi epurat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Jekk il-konvenut jidhirlu li hemm ġid f'ismu li mhux parti mill-komunjoni imma huwa parafernali tiegħu għaliex ingħata lilu fi *trust*, jispetta lill-konvenut li jressaq provi suffiċċjenti fil-proċeduri ta' separazzjoni personali sabiex jegħleb il-preżunzjoni kontenuta fl-artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili[18]. Jekk il-konvenut ma jressaqx prova tajba li l-flus li huwa rċieva b'titolu gratwitu mingħand l-attriċi huma mħalltin mal-attiv tal-komunjoni, *imputet sibi* għaliex din tkun il-konsegwenza tal-fatt li l-konvenut ma mexiex kif trid il-liġi dwar *trusts* u ma żammx il-ġid mogħti lilu fi *trust* b'mod segregat mill-ġid l-ieħor tiegħu.

43. B'din is-sentenza, qed jiġi biss stabbilit li l-attriċi (i) m'għandha ebda jedd li tenforza l-kreditu tagħha kontra l-ġid tal-konvenuta, u lanqas kontra dak is-sehem mill-komunjoni tal-akkwisti li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sejra eventwalment tassenjalha, u (ii) għandha l-jedd tieħu lura s-somma reklamata minnha mingħand il-konvenut, billi tenforza t-titolu tagħha kontra l-ġid parafernali tal-konvenut, u jekk dan ma jkunx biżżejjed, b'mod sussidjarju kontra sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti.

44. La ma ntwerix li d-dejn pretiż mill-attriċi jgħabbi l-komunjoni, mhux neċessarju li l-Qorti teżamina jekk dak id-dejn tassew seħħx sa fejn jinteressa lill-konvenuta, u għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan ir-rigward jieqaf hawnhekk. U la l-

---

[18] 1321.(1) Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemmma jkunx ippruvat xort'oħra.

konvenut ammetta t-talbiet, il-Qorti sejra tilqagħhom fil-konfront tiegħu biss, u wkoll mhux neċessarju li tara mill-provi jekk dak il-kreditu jeżistix tassew jew inkella ġiex fabbrikat, kif sostniet il-konvenuta. La l-konvenut għoġbu jammetti d-dejn u dik l-ammissjoni ma hija se tippreġudika lill-konvenuta b'ebda mod, kif diġà spjegat, mela allura dak l-eżami mhux meħtieġ li jsir.

45. Biex jingħad kollox, il-Qorti jidhrilha li t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta wkoll hija tajba u għandha tintlaqa'. Dan għaliex il-Qorti ma jidhrilix li l-attriċi tassew għandha interess ġuridiku biex titlob it-tħassir parzjali ta' att kawtelatorju li nħareġ minn qorti oħra bejn il-konvenuti, u dan għaliex dak it-tħassir jolqot il-valur tal-pretensjoni tal-konvenuta kontra l-konvenut, liema pretensjoni hija *res inter alios acta* għall-attriċi. Hi kemm hi l-pretensjoni tal-konvenuta kontra l-konvenut, l-interess tal-attriċi jista' jkun biss fil-konfront tal-attiv milqut b'dak il-mandat, li minnu hija tista' biss titħallas b'mod sussidjarju u limitat kif ordnat f'din is-sentenza. Għalhekk din it-talba hija nieqsa mill-utilità neċessarja sabiex tkun sostnuta, u l-utilità, kif inhu magħruf, huwa l-kejl tal-interess ta' kull azzjoni ġudizzjarja.

46. Għaldaqstant il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta u għalhekk ma tqisx aktar it-tieni talba tal-attriċi;

(ii) tipprovdi dwar l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara li l-ammont ta' mija u ħdax-il elf Ewro disa' mija sitta u disgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€111,996.59) huwa dovut lill-attriċi mill-konvenut waħdu, fuq ammissjoni tiegħu stess;

(iii) tipprovdi dwar it-tielet talba tal-attriċi billi tikkundanna lill-konvenut iħallas waħdu lill-attriċi l-ammont ta' mija u ħdax-il elf Ewro disa' mija sitta u disgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€111,996.59), b'dan illi b'applikazzjoni tal-artikolu 1329 tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi għandha teżegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha kontra l-konvenut biss fil-konfront tal-

ġid parafernali tiegħu, u biss *in subsidium* sal-valur ta' sehem il-konvenut mill-komunjoni tal-akkwisti;

(iv) tiċħad it-talbiet tal-attriċi sa fejn dawn saru kontra l-konvenuta billi jirriżultaw infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

(v) tordna li l-konvenut iħallas l-ispejjeż tiegħu u tal-attriċi, iżda l-attriċi għandha tħallas l-ispejjeż tal-konvenuta.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur